**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta’ Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 5/00**

**Said International Limited**

**Vs**

**MAC Limited**

Il-Bord,

Ra r-rikors prezentat fit-22 ta' Marzu 2000.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidra,

1. Illi dan ir-rikors jirreferi ghac-citazzjoni numru 5/00 fl-ismijiet premessi fejn intalab it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-6 ta' Lulju 2000 fir-rikors numru 134/99 fl-ismijiet MAC Ltd et vs International Ltd. Izda l-premessa f' dan ir-rikors hija illi

"s-socjeta' rikorrenti ipprezentat quddiem l-istess Bord citazzjoni fl-ismijiet fuq premessi ghar-ritrattazzjoni (a bazi ta' l-artiklu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tar-rikors deciz mill-Bord li Jirregola l- Kera fis-6 ta' Lulju 2000."

2. Ghalhekk ir-rikors li ghandu quddiemu l-Bord illum qed jirreferi ghall-procedura ohra.

3. Bhala zieda il-Bord jghid ukoll li fil-proceduri li ghandu quddiemu ma tistax tintalab kjamata in kawza billi bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-persuni msemmija fir-rikors huma 'terzi' ai termini ta' l-art 962 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba ghall-kjamata in kawza; l-ispejjez tar-rikors u tar-risposta jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

Dep.Reg Magistrat

**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 5/00**

**Said International Limited**

**Vs**

**MAC Limited**

Il-Bord,

Ra r-rikors prezentat fit-22 ta' Marzu 2000.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Billi hemm proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili l-Bord jidhirlu li ghandu jissopprassjedi. Ghalhekk jiddifferixxi c-citazzjoni numru 5/00 fl-ismijiet 'Said International Limited vs MAC Limited sine die riappuntabbli fi zmien xahar b' rikors meta l-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji jghaddu res judicata u dan mis-socjeta' rikorrenti.

L-ispejjes tar-rikors u tar-risposta jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

Dep/Reg Magistrat